MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 2886/1997/1

**A.**

**vs.**

**B.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 22 ta’ Dicembru 1997 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attrici u l-konvenut kienu zzewgu biz-zwieg civili nhar it-22 ta’ Marzu 1986 (Dok “A”);

Illi l-kontendenti ghandhom tifla bl-isem ta’ Donna li llum ghandha 11-il sena (Dok “B”);

Illi l-kontendenti ilhom separati *de jure* sa mill-5 ta’ Novembru 1991 meta kien sar kuntratt pubbliku quddiem in-Nutar Peter Fleri Soler sabiex jirregola s-separazzjoni bonarja tal-partijiet;

Illi l-kunsens tal-partijiet f’dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghhom;

Illi l-kunsens tal-partijiet f’dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi l-attrici stess rabtet il-kunsens taghha ma kundizzjoni li tirreferi ghall-futur;

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandiex ghar-ragunijiet hawn fuq premessi:-

1. Tiddikjara illi z-zwieg bejn il-kontendenti celebrat kif fuq inghad fit-22 ta’ Marzu 1986 bhala null u bla effett u dan minhabba ragunijiet validi fil-ligi.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut li minn issa qed jigi ngunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rad id-digriet tal-Qorti tat-22 ta’ April 1997 fejn innominat lill-Dr Ian Spiteri Bailey bhala Avukat ghall-ghajnuna Legali tal-attrici.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo tal-24 ta’ Marzu 1999, tal-14 ta’ Mejju 1999; tat-13 ta’ Lulju 1999; tal-20 ta’ Settembru 1999 u tas-17 ta’ Jannar 2000 fejn il-kawza giet dejjem differita ghan-notifika tal-konvenut.

Rat ir-rikors tal-attrici tas-6 ta' Marzu 2000 fejn talbet li n-notifika tal-konvenut issir wara l-hinijiet legali jew fil-granet festivi.

Rat il-verbal tat-23 ta' Marzu 2000 fejn il-Qorti awtorizzat in-notifika wara l-hinijiet legali tal-konvenut u l-kawza giet differita ghat-12 ta' Gunju 2000.

Rat li l-konvenut giet debitament notifikat fit-30 ta' Marzu 2000 (*a tergo* ta' fol. 25).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tat-13 ta' April 2000 (fol. 27) fejn eccepixxa:-

(1) Illi l-eccipjenti jaqbel mad-dikjarazzjoni attrici u ghalhekk jaderixxi ghat-talba taghha li z-zwieg ikkuntrattat bejnu u bejn l-attrici ghandu jigi dikjarat null.

(2) Illi l-eccipjenti jopponi t-talba attrici li l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu ssopportati minnu u dan peress li skond il-paragrafu 6 tad-dikjarazzjoni attrici, kienet l-istess attrici *"ex admissis"* li rabtet il-kunsens taghha ghaz-zwieg ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 28 tal-process.

Rat il-verbali quddiem din il-Qorti hekk diversament presjeduta tat-12 ta' Gunju 2000, tas-7 ta' Novembru 2000 fejn il-Qorti nnominat lill-Dr Deborah Huber biex tigbor il-provi u tirrelata, tal-20 ta' Frar 2001, tad-19 ta' Settembru 2001 u tad-9 ta' Jannar 2002.

Rat l-ordni tal-Qorti presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo tas-27 ta' Marzu 2002 fejn l-istess kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta ghat-18 ta' Gunju 2002.

Rat in-nota tal-konvenut **B** tat-13 ta' Mejju 2002 a fol 35 sa 41 tal-process fejn ipprezenta l-affidavit tieghu stess u ta' ommu **Mary Andrews**.

Rat li l-affidavits gew debitament notifikati lill-kontro-parti fit-18 ta' Mejju 2005.

Rat il-verbal tat-18 ta' Gunju 2002 fejn il-Qorti ordnat lill-Perit Legali Dr. Deborah Farrugia sabiex tiffissa zewg seduti ghall-provi kollha li fadal u wara tghaddi ghar-rapport. Il-kawza giet differita ghar-rapport ghas-27 ta' Novembru 2002.

Rat in-nota tal-Avukat Dr Ian Spiteri Bailey tal-14 ta' Ottubru 2002 (fol 44) fejn permezz taghha irrinunzja ghall-patrocinju ta' l-attrici *stante* li m'ghadux fuq l-elenku tal-Avukati ghall-ghajnuna legali, u talab lill-Qorti biex tawtorizza lill-istess attrici tqabbad Avukat iehor minn fuq il-lista ta' l-Avukat ghall-ghajnuna legali.

Rat in-nota tal-Perit Legali tal-11 ta' Novembru 2002 fejn infurmat lill-Qorti li mhux ha tkun f'posizzjoni li tirrelata sad-differiment li jmiss.

Rat il-verbal tas-27 ta' Novembru 2002 fejn inghata digriet, u l-Qorti kkonfermat l-ahhar seduta tal-5 ta' Dicembru 2002 u wara tali seduti l-provi tal-partijiet kienu qed jigu dikjarati maghluqa u l-Perit Legali ghandha tghaddi ghar-rapport. Il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghar-rapport ghad-19 ta' Frar 2003.

Rat ir-rikors ta' Dr Ian Spiteri Bailey tad-29 ta' Novembru 2002 (fol 48) fejn talab lill-Qorti sabiex tawtorizza lill-attrici tinghata l-ghajnuna legali mehtiega billi tinghata l-assistenza ta' Avukat iehor mill-lista ta' l-ghajnuna legali, sabiex jiehu konjizzjoni tal-process u jidderigi ahjar l-istess attrici u l-interessi taghha f'dawn il-proceduri.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-3 ta' Dicembru 2002 fejn il-Qorti laqghet it-talba u tissostitwixxi lir-rikorrenti b'avukat ta' l-ghajnuna legali li lilu jmissu t-turn li hu Dr Beppe Fenech Adami.

Rat il-verbal tad-19 ta’ Frar 2003 fejn il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghar-rapport ghall-10 ta’ Gunju 2003 b’dan li l-Perit Legali ghandha tiffissa zewg seduti sa l-ahhar t’April ghall-provi kollha li fadal.

Rat il-verbali tal-10 ta’ Gunju 2003, tat-13 ta’ Novembru 2003 fejn deher Dr Anthony Ellul ghall-konvenut li nforma lill-Qorti li m’hu qed isir xejn, ghalhekk il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Perit Legali u ordnatilha li tirritorna l-process. Inghata digriet tal-affidavits lill-partijiet b’terminu ta’ 30 jum kull wiehed.  Il-kawza giet differita ghall-20 ta’ Jannar 2004 ghall-finali trattazzjoni.

Rat il-verbali mizmuma quddiem il-Perit Legali minn fol 55 sa 68 tal-process fejn jidher li nzammu s-segwenti seduti ta’ l-1 ta’ Frar 2001, 29 ta’ Ottubru 2001, 21 ta’ April 2002, 11 ta’ Gunju 2002, 17 ta’ Ottubru 2002, 5 ta’ Dicembru 2002, u 27 ta’ Marzu 2003, 5 ta’ Mejju 2003 u 20 ta’ Mejju 2003 fejn ma’ sar xejn hlief xi verbali, kif jista’ jigi facilment verifikat mill-istess verbali; u tat-3 ta’ April 2001 fejn xehdet l-attrici. Bazikament giet prodotta xhieda biss f’seduta wahda.

Rat ir-rikors tal-Perit Legali Dr Deborah Farrugia tas-17 ta’ Novembru 2003 fejn talbet li l-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tat-13 ta’ Novembru 2003 billi tirintegraha lilha fl-inkarigu taghha bhala Perit Legali u dan sabiex tkun tista’ tirrelata sad-differiment li jmiss.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti datat 18 ta’ Novembru 2003 fejn laqghet it-talba b’dan li tali rapport jigi prezentat sas-seduta li kien imiss.

Rat il-verbal tal-20 ta’ Jannar 2004 fejn Dr Deborah Farrugia nfurmat lill-Qorti li kienet pprezentat ir-rapport dak in-nhar stess.  Il-kawza giet differita ghall-hlas u konferma tar-rapport ghat-28 t’April 2004.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ April 2004 fejn l-kawza giet differita *sine die* ghaliex ma’ kien deher hadd.

Rat ir-rikors tal-attrici tad-29 t' April 2004 fejn talbet lill-Qorti biex il-kawza terga' titqieghed fuq il-lista sabiex tkompli tinstema u tigi deciza skond il-ligi.

Rat id-digriet tat-3 ta' Mejju 2004 fejn ordnat lill-attrici b'nota fi zmien jumejn tiddikjara xi provi fadlilha tressaq b'din il-kawza.

Rat in-nota tal-attrici tal-4 ta' Mejju 2004 fejn infurmat lill-Qorti li l-provi kollha f'din il-kawza gew migbura u l-Perit Legali lestiet ir-rapport taghha u kull ma baqa' huwa li tithallas ghal dan ir-rapport mill-Istat *stante* illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi b'din il-kawza bl-ghajnuna legali. La darba jsir il-hlas allura r-rapport jkun jista' jigi mahluf mill-Perit Legali.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-5 ta' Mejju 2004 fejn irriappuntat il-kawza ghas-smiegh ghall-5 ta' Ottubru 2004.

Rat il-verbal tal-5 ta' Ottubru 2004 u tal-11 ta' Jannar 2005 fejn l-istess Perit Legali halfet ir-rapport.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Deborah Farrugia pprezentat fl-20 ta' Jannar 2004 minn fol 88 sa 108 tal-process u mahluf minnha fil-11 ta' Jannar 2005.

Rat il-verbal tal-10 ta' Mejju 2005 fejn Dr. Ruth Scott ghall-konvenut irremetiet ruhha ghar-rapport u peress li la l-attrici u lanqas id-difensur taghha ma' dehru l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2005.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### <u>(i) PRINCIPJI LEGALI.</u>

Illi l-attrici fil-premessi tac-citazzjoni taghha qed tattribwixxi n-nullita` taz-zwieg in ezami fuq il-premessi li:

*“U peress illi l-kunsens tal-partijiet f’dan iz-zwieg kien vizjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewwga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;*

*U peress illi l-kunsens tal-partijiet f’dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga;*

*U peress illi l-attrici stess rabtet il-kunsens taghha ma’ kundizzjoni li tirreferi ghall-futur;”*

Illi ghalhek l-attrici qed tirreferi ghall-Att dwar iz-Zwieg **(Kap 255), artikolu 19 (1) (d) (f) u (g).**

Illi fil-kawza **“Natasha Xuereb vs Randolph Xuereb”** deciza fis-26 ta’ Novembru 2002, din il-Qorti diversament presjeduta ddikjarat *“li b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju l-legislatur ma riedx iffisser sempliciment kwalsiasi stat ta’ immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista’ tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku.”* (ara f’ dan is-sens **“Nicholas Agius vs Rita Agius”** deciza fil-25 ta’ Mejju 1995).

Illi fil-fatt l-kunsens ta’ zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma dik il-persuna u jikkrejaw familja. Dan jehtieg maturita` ta’ hsieb fejn wiehed jaghraf l-obbligazzjonijiet u d-dmirijiet li tinvolvi l-hajja ta’ zwieg. Il-kuncett ta’ *discretio judicii* tirrikjedi konoxxenza tad-drittijiet, d-dmirijiet u l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewwga li dehlin fiha l-partijiet.

Illi kif jispjega ukoll l-gurista ***Colagiovanni***:-

*“Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus…richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e per lo meno rescindibile, in casi determinanti dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta` dato che si tratta di assumersi una*

*servitus per tutta la vita”* (***Forum 1990, Vol 1, part 1, page 72***).

Illi ***Dr Abigail Attard****,* fit-tezi taghha **“Grounds of Annulment of Marriage with special reference to Defects of a psychological nature in the light of the 1981 Amendments to the Marriage Act 1975”** tghid li d-diskrezzjoni ta’ gudizzju *“... supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly.”*

Illi din il-Qorti fil-kawza **“ASpiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri”** deciza fl-4 ta’ Novembru 1994, studjat il-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju u dahlet fil-fond f’ dak li jghid il-gurista ***Bersini****:-*

*“La discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva…. La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all’ att da compiere, agli obbligi essenzjali da assumersi e ai diveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore”.* **(Il Diritto Canonico Matrimoniale- Bersini-Torino 1994).**

Illi l-impenn ghall-futur jfisser l-obbligazzjonijiet essenzjali li minghajrhom l-unjoni intima tal-hajja mizzewwga ma tistax issehh, fosthom fedelta` u fiducja, l-permanenza taz-zwieg, u l-*benessere* reciproka tal-partijiet. Il-partijiet iridu jkunu kapaci jirriflettu fuq dawn l-obbligazzjonijiet u dmirijiet u jkunu kapaci jwettqu dawn tul il-hajja taghhom.

Illi dawn l-obbligazzonijiet essenzjali mhux definiti fil-**Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.** Pero` din il-Qorti fil-kawza **“Natasha Xuereb vs Randolph Xuereb”** deciza fis-26 ta’ Novembru 2002, spjegat illi:-

*"…dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabilment gew ritenuti bhala obbligazzonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community … … … these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable…." **(Viladrich, P.J., op. cit., p 687).***

Illi fil-kawza "**Anna Galea vs John Welsh"** deciza fit-30 ta' Marzu 1995 din il-Qorti diversament presjeduta osservat li inerenti f'dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-kontendenti li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita *"the community of life and love"*.

Illi jkun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju meta jkun hemm inkapacita` psikika, li mhux necessarjament timplika anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku. Fil-kawza **"Isabelle Attard vs Stephen Attard"** deciza fil-21 ta' Novembru 1995 gie osservat li d-difett ta' kunsens m' ghandux jigi ekwiparat ma' semplici inkompatibbilita` ta' karattru jew ma decizjoni zbaljata.

Illi similment fil-kawza **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** deciza fl-14 ta' Awissu 1995, gie ritenut li:-

*"It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if anyone of the following three conditions or hypothesis is verified; (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering the marriage is lacking; (2) when the contracting party had not reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal*

*freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within."*

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (f)** dan jipprovdi li hemm nullita` taz-zwieg jekk:-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijit ikun inkiseb bl-esklussjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi huwa llum stabbilit li kif gie ritenut diversi drabi nkluz fil-kawza inkluz fis-sentenza **"Thomas Azzopardi vs Mary Azzopardi"** deciza fis-16 ta' Dicembru 1996 li *"biex wiehed jara jekk parti jew ohra fiz-zwieg eskludietx, b' att pozittiv kif fuq imfisser, dan l-element essenzjali fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, wiehed irid jara mhux biss id-dikjarazzjonijiet ossia konfessjonali maghmula <u>a tempo vergine</u> minn parti jew minn ohra, izda wkoll – u forsi aktar importanti – ic-cirkostanzi kollha antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghaz-zwieg."*

Illi din il-Qorti kompliet fl-istess sentenza citata ta' **"Thomas Azzopardi vs Mary Azzopardi"** deciza fis-16 ta' Dicembru 1996 li wiehed irid jikkunsidra l-kaz *"… ta' min esternament ikun wera li qed jghati l-kunsens matrimonjali izda internament u b' att pozittiv tal-volonta' tieghu ikun fil-fatt qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg."*

Illi fil-fatt saret riferenza ghal dak li sostna l-gurista ***Castano,*** fejn jghid li l-eskluzzjoni jinghad li trid tkun pozittiva fis-sens li mhux bizzejjed li jkun hemm in-nuqqas ta' intenzjoni jew in-nuqqas ta' kunsens dwar iz-zwieg jew dwar xi elementi essenzjali, izda jrid ikun hemm volonta' ossia intenzjoni pozittiva li teskludi dak iz-zwieg, jew dak l-element essenzjali.

Illi fil-fatt il-gurista ***Francesco Bersini*** jispjega li:-

*"Chi ad esempio intende un fine estrinseco al matrimonio in modo tale da escludere con atto positivo di volonta` lo*

*stesso matrimonio, che per lui e` una pura formalita` vuota e senza senso, evidentemente fa del matrimonio un rito vano.”* **(Il Diritto Canonico Matrimoniale, Elle Di Ci (Torino), 1994).**

Illi din il-Qorti fil-kawza **“Bine Ahmed vs Shafik Farid Shafik Ahmed”** deciza fl-10 ta’ Marzu 2000 fissret dan kollu fis-sens li:-

*“... meta l-uniku skop tal-kontraent ikun li jibqa’ Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed pozittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b’ mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f’ dawn il-kazijiet wiehed m’ ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta’ xi dikjarazzjoni esplicita ta’ l-intenzjoni ta’ dak li jkun; pero` tali intenzjoni tista’ tigi manifesta wkoll implicitament.”*

Illi fil-fatt fi kliem l-imsemmi gurista ***Castano***:-

*“…l-atto positivo della volonta` non s’identifica con l’intenzione espressa o esplicita, ma l’atto della volonta` puo` essere posittivo ed essere manifestato implicitamente.”* **(Castano, J.F., Il Sacramento del Matrimonio, Roma, 1992).**

Illi f’din l-istess vena fil-kawza **“Josephine Grech vs Mahmoud Awwada”** deciza fl-10 t’ Ottubru 1995 inghad li:-

*“Minn din il-versjoni jirrizulta car li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti … kien zwieg ta’ konvenjenza, intiz sabiex il-konvenut ikun jista’ jibqa’ Malta, jahdem bla problemi u eventwalment jikseb ic-cittadinanza … . Hawn qeghdin ghalhekk fil-kamp tas-simulazzjoni u cioe` meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun qed jinghata. L-awturi jitkellmu dwar consensus simulatus jew consensus fictus. Din is-simulazzjoni tista’ tkun jew totali jew parzjali (**“Anna Galea vs John Walsh**”, Prim Awla, 30/03/95). Fil-kaz prezenti din il-Qorti tara li kien hemm simulazzjoni totali da parti tal-konvenut ghax*

*kollox jindika li hu eskluda posittivament iz-zwieg innifsu…..".*

Illi gie ukoll ritenut mit-Tribunal Regjonali ta' Halifax (Canada) fis-sentenza tat-23 ta' Gunju 1977 "**Coram vs Morrisey"** (u riportata f' **Documentation II on Marriage Nullity Cases**, **Hudson, J.E. ed., Ottawa (St. B University), 1979, p. 136):**

*"In addition, we should mention that the law clearly states…that a positive act of will is required for an intention to exert an influence on matrimonial consent. However, it is not necessary that the act of exclusion be explicit; an implicit act would suffice as a basis for an invalidating simulation of marital consent. Furthermore, it is not necessary that the positive act required for simulation be actual; a virtual intention contrary to the essence of marriage would suffice to render the consent invalid by reason of simulation."*

Illi fl-ahharnett jinghad li b'kapacita` tal-partijiet ghaz-zwieg wiehed jifhem dawk il-prerekwiziti oggettivi li jridu jkunu jezistu fil-parti sabiex dik il-parti tkun tista' tersaq ghaz-zwieg u sabiex tkun tista' validament tikkontratta. Is-simulazzjoni necessarjament tippresumi li persuna setghet tersaq ghaz-zwieg u setghet validament tikkontratta izda, b'ghazla taghha, ddecidiet li fil-fatt ma tikkontrattax validament. **("Bine Ahmed vs Shafik Farid Shafik Ahmed"** deciza fl-10 ta' Marzu 2000).

Illi l-awtur **JR Keating** jghid li biex iz-zwieg ikun validu *"when giving the consent the person must have enjoyed the degree of phychological freedom which is necessary and sufficient to ensure his basic powers of choice".*

Illi fil-kawza "**Alfred Tonna vs Maria Tonna**" deciza fil-31 ta' Dicembru 1996 din il-Qorti wkoll diversament presjeduta ddikjarat li jkun hemm simulazzjoni meta, fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, esternament u b'att posittiv tal-volonta, tkun qed teskludi xi element jew propjeta` essenzjali ghaz-zwieg, jew minn dik il-maturita`

affettiva li hija presuppost ghall-ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.

Illi fil-kawza "**Bonnici vs Bonnici"** deciza fit-30 ta' Lulju 1982 din il-Qorti qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ppruvat il-*finis operis* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi l-istess gie ripetut fil-kawza "**Natasha Xuereb vs Randolph Xuereb**" deciza fis-26 ta' Novembru 2002 fejn gie riaffermat li *"…taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr Yana Micallef Stafrace et noe"** deciza fl-14 ta' Lulju 1994, elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilita` tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta` u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied."* (ara **"Aquilina vs Aquilina"** deciza fit-30 ta' Jannar 1991).

Illi dwar il-kommunjoni tal-hajja konjugali u l-*Consortium Vitae,* din il-Qorti fil-kawza **"Magri vs Magri"** deciza fl-14 ta' Lulju 1994, qalet:-

*"Jekk din il-Consortium Vitae hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-Consortium Vitae tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilita` tal-familja."*

Illi l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak semplici rikjest fil-kuntratti in generali. Il-partijiet ghandhom mhux biss ikollhom il-kapacita` li jaghtu l-kunsens, izda irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti.

Illi l-ahhar artikolu msemmi mill-attrici huwa dak ibbazat skond id-disposizzjonijiet ta' **l-artikolu 19(1) (g) tal-Kap 255** li jipprovdi li hemm kaz ta' nullita` taz-zwieg meta u:-

*"jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' konidizzjoni li tirreferi ghall-futur".*

Illi dwar dan l-artikolu jinghad skond ***J. Edwards Hudson*** li:-

*"a condition could either be suspensive of resolutive. It is suspensive if it delays the entry in effect of the obligation of an act until the condition itself is fulfilled. It is resolutive if it dissolves the obligation only if it verifies itself and therefore renders it null. Eg 'I will live in marriage with you until I find someone who is more wealthy than you'"* **Handbook II for Marriage Nullity Cases** (page 107).

Illi dwar dan is-sub-artikolu fil-kawza **"Emanuel Vella vs Mona Lisa Vella"**, deciza fl-1 ta' Ottubru 2002 din il-Qorti sostniet li:-

*"Il-kundizzjoni tapplika biss ghall-kaz ta' annullament taz-zwieg jekk il-kondizzjoni tirreferi ghall-avveniment fil-futur."*

## (ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi l-partijiet f'din il-kawza zzewgu civilment fit-22 ta' Marzu 1986 u kienu ilhom jafu lil xulxin biss minn Frar 1985; l-attrici jidher li kellha xi problemi mal-familjari taghha fl-Ingilterra fejn kienet qed toqghod u ma' baqatx toqghod maghhom; iltaqghet mal-konvenut u giet mal-konvenut hawn Malta fejn bdiet tghix ma' ommu minnn Awissu 1985; ftit wara l-attrici saret taf li kienet inqabdet tqila, u l-problema zdiedet meta l-attrici kellha wkoll problema sabiex tghix hawn Malta minhabba li l-Visa taghha kienet skadiet; fil-fatt il-konvenut biegh il-karozza tieghu sabiex l-attrici tmur l-Ingilterra, izda l-partijiet iddecidew li din ma' kienitx hajja ghalihom u allura, anke fuq suggeriment ta' omm il-konvenut, anke minhabba t-tqala ta' l-attrici, l-

partijiet iddecidew li l-ahjar mod kif setgha jigi assigurat li l-attrici tibqa' tghix hawn Malta, u mhux tibqa' gejja u sejra lejn l-Ingilterra, kien li jizzewgu, u habta u sabta hekk sar bla ebda preparamenti ta' xejn, tant li l-istess koppja baqghet tghix ma' omm il-konvenut ghaliex ma' kien hemm xejn ippreparat. Damu jghixu hekk ghal cirka tlett snin u kif marru biex jghixu separatament mill-genituri tal-konvenut, kollox sfaxxa, tant li wara xahar biss bdew jghixu separatament minn xulxin. Jidher car li dan iz-zwieg kien ghall-partijiet wiehed biss ta' konvenjenza kemm sabiex l-attrici tkun tista' tghix jew tibqa' tghix hawn Malta u kemm ghaliex l-attrici kienet tqila; apparti dan ma' kien hemm ebda preparament serju ghaz-zwieg u inverita` l-attrici kienet immatura ghall-ahhar, u fis-sitwazzjoni li kienet, rabtet kollox ma' dak li kien qed jghidilha l-konvenut, anke ghaliex hasset li fl-eta' ta' sbatax il-sena, u fil-kondizzjoni li kienet, u bla ebda post taghha, ma' kellha l-ebda xelta ohra x'taghmel.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, jidher car li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fil-fatt il-konvenut kien ghadu kemm johrog minn divorzju u l-attrici kienet ghadha litteralment tifla, mkeccija mid-dar tal-familjari taghha *u skond il-provi migbura u l-kunsiderazzjonijiet tal-principji legali applikati ghall-kaz in ezami, jidher li l-kontendenti zzewwgu minghajr preparazzjoni, riflessjoni jew apprezzament tar-responsabbiltajiet rizultanti minn dan il-pass. Mill-kumpless tal-provi gie ppruvat, sal-grad li trid il-ligi civili, cioe` sal-grad tal-probabbilita`, li r-raguni vera ghall-kontendenti sabiex jersqu ghaz-zwieg kienet ta' konvenjenza u mhux biex jintrabtu fiz-zwieg bid-drittijiet u l-obbligi reciproci tal-partijiet. Ghalhekk in-nullita` ta' dan iz-zwieg fil-konfront tal-kontendenti giet ippruvata".* Dan l-osservazzjonijiet tal-perit legali jikkonfermaw dak li inghad f'din is-sentenza.

Illi hija kwindi, l-opinjoni ta' din il-Qorti li dan iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghar-ragunijiet premessi.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak fuq deciz, **tilqa' t-talba attrici biss fis-sens hawn deciz,** b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi z-zwieg bejn il-kontendenti ccelebrat kif fuq inghad civilment fit-22 ta' Marzu 1986 huwa null u bla effett u dan minhabba ragunijiet validi fil-ligi u dan *stante* li l-kunsens ta' kull parti kien vizzjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez jinqassmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------